Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10706 — HAL INVESTMENTS / ROYAL BOSKALIS WESTMINSTER)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 170/05)

1. Fit-13 ta' April 2022, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— HAL Investments B.V ("Hal", in-Netherlands), li tappartjeni għall-grupp Hal Trust,

— Royal Boskalis Westminster N.V. ("l-impriża fil-mira", in-Netherlands)

Hal se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-intier tal-impriża fil-mira.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— HAL hija kumpanija dinjia ta' investiment, b'investimenti f'varjetà ta' setturi, inkluż is-settur marittimu, il-ħżin f'tankijiet, il-midja, is-servizzi finanzjarji, il-bejgħ bl-imnut, l-għamara tal-uffiċċju u provvisti tal-injam u għall-kostruzzjoni.

— L-impriża fil-mira hija kumpanija globali tas-servizzi marittimi, attiva fit-tħammil, l-istallazzjoni lil hinn mill-kosta, it-trasport lil hinn mill-kosta, is-servizzi taħt il-baħar, l-irmonk u s-salvataġġ kif ukoll fl-infrastruttura interna.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'din in-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi speċifikata dejjem:

M.10706 — HAL INVESTMENTS / ROYAL BOSKALIS WESTMINSTER

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' ittra elettronika, bil-fax jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz Elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.